MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Numru 668/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**v**

**Cristina Xuereb bint Henry u**
**Renata nee Gerada, imwielda**
**nhar it-8 ta' Marzu, 1970, u residenti**
**Flat 10, Macem Court, Triq Sir George Borg,**
**Sliema, detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 125870 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Cristina Xuereb li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer nhar it-18 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tas-13.00 hrs gewwa Triq Sant'Andrija, Giljan,

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAK-806 tal-ghamla Kia Pride ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-gisem ta' Ari Oya u dan bi ksur ta' artikolu 226 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Saqet il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK-806 tal-ghamla Kia Pride b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza, u dan bi ksur ta' artikolu 15(1)(a) ta' Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputata Cristina Xuereb milli jkollha jew tottjeni kull licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi minn dan l-incident stradali jirrizulta li l-vittma batiet griehi ta' natura gravi in kwantu sofriet ksur f'wahda mill-vertebrae.

Irrizulta wkoll illi Ari Oya kienet decizemant qeghda taqsam minn main road ghalina notorjament traffikuza.

Jaqblu kemm l-akkuzata kif ukoll il-vittma li s-sewwieqa kienet fil-fatt wieqfa fuq stop sign qabel ma hi pprosegwiet biex harget fuq il-main road. Pero' min-naha ta' Air din tghid li hi gia kienet wieqfa f'nofs tat-triq biex tipprosegwi biex taqsam u li s-sewwieqa meta harget minn fuq l-istop sign ma harsitx lejn in-naha taghha bil-konsegwenza li ma rathiex u ghalhekk tajritha. Min-naha l-ohra l-akkuzata tghid li hi harget minn fuq l-istop sign ghax it-triq kienet

clear u li kienet il-vittma li fil-fatt dahlet gol-karozza taghha u minhabba l-fatt li hi kienet liebsa zarbun wedges ghelbet lura u spiccat wegghet.

Ikkonsidrat

Illi certament il-Qorti ma tistax ma tlumx lill-vittma li ghazlet punt daqstant perikoluz biex taqsam bl-iskuza li kulhadd hekk jaghmel. Jidher illi min-naha taghha Xuereb hadet dawk il-prekawzjonijiet necessarji hi u tisporgi go main road u ma hemm xejn mill-atti imputabbli azzjonitha, ghaldaqstant qed tigi liberata mill-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------